Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni 'Il-protezzjoni tal-Ewropa mill-attakki ċibernetiċi u t-tfixkil fuq skala kbira: titjib fit-tħejjija, is-sigurtà u r-reżistenza'"

COM (2009) 149 finali

(2010/C 255/18)

Relatur: **is-Sur McDONOGH**

Nhar it-30 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni "Il-protezzjoni tal-Ewropa mill-attakki ċibernetiċi u t-tfixkil fuq skala kbira: titjib fit-tħejjija, is-sigurtà u r-reżistenza"

COM(2009) 149 finali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-12 ta' Novembru 2009. Ir-relatur kien is-Sur McDonogh.

Matul l-458 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2009 (seduta tas-16 ta' Diċembru 2009), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'179 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni (CIIs) fl-Ewropa. Il-Kumitat jaqsam mal-Kummissjoni it-tħassib dwar il-vulnerabilità tal-Ewropa għal attakki ċibernetiċi fuq skala kbira, fallimenti tekniċi, attakki mill-bnedmin u diżastri naturali, u l-ħsara enormi li tista' ssir lill-ekonomija u lill-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Naqblu mal-Kummissjoni li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiżdiedu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-UE biex tindirizza din il-problema kritika. Naqblu wkoll mal-ħtieġa li jinbena malajr qafas ta' politika komprensiv għall-ħarsien tas-CIIs.

1.2 Il-Kumitat jinnota l-konklużjonijiet tal-Konferenza Ministerjali tal-UE dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni (CIIP) u jinsab imħasseb ħafna li l-Ewropa mhijiex ippreparata sew biex tiffaċċja attakki ċibernetiċi jew tfixkil fuq skala kbira ta' CIIs, għaliex l-approċċi li jittieħdu fi Stati Membri individwali għal ħarsien tas-CIIs ta' spiss ma jkunux konsistenti u jiġu kkoordinati b'mod mhux adatt. Jidher ċar li l-evoluzzjoni tal-Internet u n-nuqqas ta' ħsieb li jqis sistemi kbar dwar is-sigurtà u r-reżistenza ta' infrastrutturi ta' informazzjoni wasslu għas-sitwazzjoni serja li ninsabu fiha llum. Madankollu, issa li ġiet identifikata l-ħtieġa għal azzjoni, il-Kumitat isejjaħ lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni b'mod deċiżiv u mingħajr dewmien biex tindirizza l-problema.

1.3 Il-Kumitat jappoġġja l-pjan ta' azzjoni fuq livell għoli ta' "ħames pilastri" imfisser fil-komunikazzjoni u jfaħħar lill-Kummissjoni għax-xogħol li għamlet; huwa diffiċli ħafna li jiġi żviluppat approċċ integrat, b'ħafna partijiet interessati u fuq bosta livelli sabiex jissaħħu s-sigurtà u r-reżistenza tas-CIIs, b'mod speċjali f'dan il-każ fejn huwa involut grupp ta' partijiet interessati li xejn mhu magħqud, u meta tqis il-kumplessità tal-infrastrutturi ta' informazzjoni Ewropej. Jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ta' appoġġ u l-kontribut tal-ENISA għall-kisba tal-objettivi ta' din il-Komunikazzjoni.

1.4 Il-Kumitat jinnota li ma saritx azzjoni biżżejjed mill-partijiet interessati biex jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2007/C 68/01 kif tirrelata għas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT ([1]). Id-diffikultà fl-iżvilupp ta' politiki effettivi għall-ħarsien tal-infrastrutturi ta' informazzjoni l-iktar kritiċi tal-Ewropa tgħin lil dawk li jixtiequ jattakkaw CIIs għal raġunijiet politiċi jew finanzjarji. Għalhekk, il-Kumitat jixtieq li l-Kummissjoni tkun iktar assertiva dwar ir-rwol qawwi ta' tmexxija meħtieġ biex jingħaqdu l-partijiet interessati kollha u biex jiġu implimentati miżuri effettivi biex l-Ewropa titħares minn theddid possibbli lill-infrastrutturi kritiċi ta' informazzjoni tagħha. Il-Kumitat ma jemminx li l-pjan ta' azzjoni mfisser fil-Komunikazzjoni ser iġib ir-riżultati mixtieqa sakemm ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tiegħu tingħata lil awtorità regolatorja xierqa.

1.5 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal opinjonijiet preċedenti tal-KESE li kkummentaw dwar il-ħtieġa għal soċjetà tal-informazzjoni sikura, it-tħassib dwar is-sigurtà tal-Internet u l-ħarsien ta' infrastrutturi kritiċi.

([1]) COM(2006) 251.

2. Rakkomandazzjonijiet

2.1 L-Unjoni Ewropea għandha tagħti r-responsabbiltà lil awtorità regolatorja adatta, li tkun tinkludi membri tal-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, biex timplimenta ħarsien effettiv għall-infrastrutturi kritiċi ta' informazzjoni madwar l-UE.

2.2 L-Istati Membri kollha għandhom jiżviluppaw strateġija nazzjonali, politika soda u ambjent regolatorju, proċessi olistiċi nazzjonali għall-ġestjoni tar-riskju u miżuri u mekkaniżmi adatti għal-stat ta' preparazzjoni. F'dak ir-rigward, kull Stat Membru għandu jifforma Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERT) u jara li din tissieħeb mal-Grupp Governattiv Ewropew ta' CERTs (EGC) (2).

2.3 Il-Kummissjoni jmissha tħaffef ix-xogħol tagħha fuq it-twaqqif tas-Sħubija Ewropea bejn is-Settur Privat u Pubbliku għar-Reżistenza (EP3R) u tintegraha mal-ħidma tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) u l-Grupp Governattiv Ewropew ta' CERTs (EGC).

2.4 L-aqwa prattika fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju għandha tikkontribwixxi għall-politika dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni (CIIP) fil-livelli kollha. B'mod partikulari l-ispiża potenzjali minħabba fallimenti fis-sigurtà u ta' reżistenza għandha tiġi kkwantifikata u kkomunikata lill-partijiet interessati responsabbli rilevanti.

2.5 Pieni finanzjarji u oħrajn għandhom jiġu imposti fuq partijiet interessati li jonqsu milli jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom taħt politika ta' CIIP, b'mod proporzjonat mar-riskju u l-ispiża tal-fallimenti fis-sistema li jseħħu minħabba t-traskuraġni tagħhom.

2.6 Ir-responsabbiltà għas-sigurtà u r-reżistenza tas-CIIs għandha tkun l-iktar fuq il-partijiet interessati l-kbar – il-gvernijiet, il-fornituri tal-infrastruttura u tat-teknoloġija – u m'għandhomx jiġu permessi jevitaw responsabbiltà billi jittrasferixxu dik ir-responsabbiltà lill-konsumaturi korporattivi u privati.

2.7 Is-sigurtà u r-reżistenza jridu jkunu obbligi ta' tfassil fis-sistemi kollha tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) implimentati fl-UE. Għandna ninkoraġġixxu partijiet interessati privati fil-qasam tas-CIIP biex jagħmlu sforz kontinwu favur titjib f'oqsma partikulari relatati mar-reżistenza – pereżempju ġestjoni tan-netwerk, ġestjoni tar-riskju u kontinwità tan-negozju.

2.7.1 It-twaqqif u l-infurzar tal-aqwa prattiki u standards għandhom ikunu parti fundamentali ta' kull politika li tindirizza l-prevenzjoni ta' fallimenti, miżuri ta' rispons għal sitwazzjonijiet u l-irkupru ta' CII.

2.7.2 Għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tat-teknoloġiji IPv6 (l-aħħar protokoll għal indirizzi fuq l-Internet) u DNSSEC (pakkett għat-tisħiħ fis-sigurtà fis-Sistema tal-Ismijiet tad-Domains fuq l-Internet) fl-Internet fl-UE, li għandhom isaħħu s-sigurtà fuq l-Internet.

2.8 Inheġġu l-partijiet interessati pubbliċi u privati biex jaħdmu flimkien regolarment biex permezz ta' eżerċizzji jeżaminaw il-miżuri ta' tħejjija u ta' risposta tagħhom. Nappoġġjaw bis-sħiħ is-suġġerimenti tal-Kummissjoni f'din il-Komunikazzjoni biex jiġi organizzat l-ewwel eżerċizzju pan-Ewropew fl-2010.

2.9 Trid titrawwem fl-Ewropa industrija tas-sigurtà tal-informazzjoni b'saħħitha li jkollha kompetenza ugwali għal dik fl-Istati Uniti li hija ffinanzjata tajjeb ħafna. Għandu jiżdied b'mod sinifikanti l-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp relatat ma' kwistjonijiet ta' CIIP.

2.10 Il-fondi għandhom jiżdiedu għall-iżvilupp ta' ħiliet u ta' programmi ta' għarfien u tqajjim tal-kuxjenza fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika.

2.11 Aġenziji ta' informazzjoni u ta' appoġġ għandhom jiġu stabbiliti f'kull pajjiż membru biex jgħinu lill-SMEs u liċ-ċittadini jifhmu u jikkonformaw mar-responsabbiltajiet tagħhom taħt politika ta' CIIP.

2.12 Fl-interess tas-sigurtà l-UE għandha tavvanza l-pożizzjoni tagħha dwar il-ġejjieni tal-governanza tal-Internet (3), li ssejjaħ għal approċċ iktar multilaterali li jirrispetta l-prijoritajiet nazzjonali tal-Istati Uniti iżda jirrifletti wkoll l-interessi tal-Unjoni Ewropea. L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam għandha tinkludi studju fil-fond dwar l-interazzjonijiet bejn is-sigurtà ċibernetika u r-rispett tal-libertajiet pubbliċi u privati.

3. Sfond

3.1 It-theddida ta' attakki ċibernetiċi fuq skala kbira fuq Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni

3.1.1 Infrastrutturi Kritiċi ta' Informazzjoni (CIIs) iħaddan fihom it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICTs) li jipprovdu l-pjattaformi bażiċi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-provvediment ta' prodotti u servizzi essenzjali, inklużi funzjonijiet soċjetali vitali bħall-provvista tal-enerġija, l-ilma, it-trasport, il-qasam bankarju, servizzi tas-saħħa u ta' emerġenza.

3.1.2 CIIs huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' integrazzjoni ta' sistemi kumplessi, interdipendenzi fuq infrastrutturi oħrajn (pereżempju l-enerġija) kif ukoll interkonnessjonijiet transkonfinali. Għaldaqstant dawn l-infrastrutturi huma esposti għal bosta riskji, li jistgħu jwasslu għal falliment katastrofiku tas-sistemi li jaffettwa servizzi soċjetali kritiċi f'bosta Stati Membri. Ir-riskji joriġinaw minn żbalji umani, fallimenti tekniċi, attakki minn bnedmin (inklużi attakki kriminali u mmotivati politikament) u diżastri naturali. L-istudju tar-riskji juri n-nuqqasijiet ta' dawn is-sistemi, u b'hekk toħroġ fid-dieher il-possibilità li jittieħed il-kontroll permezz ta' prattiki, intenzjonati jew le, li jippreġudikaw il-libertajiet kemm pubbliċi kif ukoll privati. Il-Kummissjoni hija inkarigata mir-rispett tad-drittijiet fundamentali fit-tħejjija tal-leġiżlażżjoni Komunitarja.

(2) http://www.egc-group.org.

(3) COM(2009) 277 finali.

3.1.3 Gvernijiet u fornituri ta' servizzi vitali ma jippubbliċċizzawx fallimenti ta' sigurtà u reżistenza sakemm ma jkollhomx bżonn. Madankollu, kien hemm ħafna eżempji fil-pubbliku tat-theddida għall-infrastruttura kritika minn fallimenti ta' sigurtà u ta' reżistenza fis-CIIs:

— Kien hemm attakki ċibernetiċi fuq skala kbira fl-Estonja, il-Litwanja u l-Ġeorġja fl-2007 u l-2008.

— Ksur fil-kejbils transkontinentali ta' taħt il-baħar fil-Mediterran u fil-Golf Persjan fl-2008 affettwa t-traffiku tal-Internet f'ħafna pajjiżi.

— F'April 2009 uffiċjali tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Uniti ddikkjaraw li "spijuni ċibernetiċi" kienu ppenetraw il-grid tal-elettriku tal-Istati Uniti u ħallew warajhom programmi tas-softwer li jistgħu jintużaw biex jiddisturbaw is-sistema.

— F'Lulju l-Istati Uniti u l-Korea t'Isfel kellhom jiffaċċjaw attakk pubbliku ħafna li waqqaf is-servizz (li kien jinvolvi bejn 100 000 u 200 000 PC "zombie"), li laqat bosta siti tal-internet tal-gvern.

3.1.4 Il-problema hija ggravata ħafna iżjed minħabba l-intenzjoni malizzjuża ta' gruppi kriminali u l-użu ta' attakki ċibernetiċi għal motivi politiċi.

— Billi jiġu sfruttati dgħufijiet fis-sistemi operattivi ta' kompjuters personali konnessi mal-Internet, gruppi kriminali ħolqu "botnets" – PCs li permezz tal-"malware" (softwer malizzjuż) flimkien jiffurmaw netwerk, u kompjuter virtwali wieħed li jista' jiġi kkmandat mill-kriminali (bħal "zombies" jew "drones"). Dawn il-"botnets" jintużaw għal bosta attivitajiet kriminali, u biex japppoġġjaw attakki ċibernetiċi fuq skala kbira mmexxija minn terroristi u gvernijiet li jipprattikkaw il-gwerra ċibernetika, li "jikru" l-botnets mill-kriminali. Huwa maħsub li "botnet" partikulari li jġib l-isem "Conficker" għandu iktar minn 5 miljun PC taħt il-kontroll tiegħu.

3.1.5 L-ispiża ekonomika tal-falliment tas-CIIs tista' tkun għolja immens. Il-Forum Ekonomiku Dinji jaħseb li hemm probabbiltà ta' bejn 10-20 % ta' falliment ewlieni tas-CII fl-għaxar snin li ġejjin, bi spiża globali potenzjali ta' USD 250 biljun u t-telf ta' eluf ta' ħajjiet.

3.2 Il-problema tal-istat ta' preparazzjoni, is-sigurtà u r-reżistenza

3.2.1 L-Internet huwa l-pjattaforma primarja għall-appoġġ tal-biċċa l-kbira tas-CIIs tal-Ewropa. L-arkitettura tal-Internet hija bbażata fuq l-interkonnessjoni ta' miljuni ta' kompjuters bl-ipproċċessar, il-komunikazzjoni u l-kontroll distribwiti globalment. L-arkitettura ddistribwita hija punt kruċjali biex l-Internet ikun stabbli u reżistenti, b'irkupru malajr ta' flussi ta' traffiku kull meta titfaċċa problema. Madankollu, ifisser ukoll li attakki ċibernetiċi fuq skala kbira jistgħu jsiru minn xifer in-netwerk, bl-użu ta' "botnets" pereżempju, minn kull delinkwent b'dik l-intenzjoni u b'għarfien bażiku.

3.2.2 Netwerks tal-komunikazzjoni globali u CIIs jinvolvu livell għoli ta' interkonnettività transkonfinali. Għaldaqstant, jekk hemm livell baxx ta' sigurtà u reżistenza tan-netwerk f'pajjiż wieħed, dan jista' jaffettwa ħażin is-sigurtà u r-reżistenza ta' CIIs fil-pajjiżi kollha l-oħra li magħhom dan ikun interkonness. Din l-interdipendenza internazzjonali titfa' r-responsabbiltà fuq l-UE biex ikollha politika integrata għall-ġestjoni tas-sigurtà u r-reżistenza tas-CII madwar l-Unjoni.

3.2.3 Fost il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati u f'ħafna mill-Istati Membri jeżisti livell baxx ta' għarfien u konoxxenza dwar ir-riskji għal CIIs. Ftit pajjiżi biss għandhom politika komprensiva għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji.

3.2.4 Ir-riformi proposti tal-Qafas Regolatorju għal netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi se jsaħħu l-obbligi tal-operaturi tan-netwerks sabiex jiżguraw li jittieħdu miżuri adatti biex jiġu identifikati r-riskji, tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizzi u jiġi notifikat kull ksur fis-sigurtà ([4]).

3.2.5 Il-maġġoranza kbira ta' teknoloġiji li jappoġġjaw il-pjattaforma għal CIIs huma pprovduti mis-settur privat u l-iżgurar ta' kooperazzjoni xierqa sabiex ikun hemm protezzjoni effettiva għal CIIs jiddipendi b'mod qawwi fuq livelli għolja ta' kompetenza, fiduċja, trasparenza u komunikazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha – gvernijiet, negozji u konsumaturi.

3.2.6 Huwa essenzjali approċċ li jinvolvi ħafna partijiet interessati, li huwa fuq bosta livelli u li huwa internazzjonali.

3.3 Pjan ta' Azzjoni fuq Ħames Pilastri

Il-Kummissjoni qed tipproponi pjan ta' azzjoni fuq ħames pilastri biex tindirizza dawn l-isfidi:

1. Stat ta' preparazzjoni u prevenzjoni: biex jiġi żgurat stat ta' preparazzjoni fil-livelli kollha

2. Skoperta u tweġiba: biex jiġu pprovduti mekkaniżmi adegwati ta' twissija bikrija

3. Mitigazzjoni u rkuprar: biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' difiża tal-UE għas-CII

4. Kooperazzjoni internazzjonali: biex jiġu promossi l-prijoritajiet tal-UE internazzjonalment

5. Kriterji għas-settur tal-ICT: biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Identifikazzjoni u d-Deżinjazzjoni tal-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej ([5])

([4]) Artikoli 13a u 13b fid-dokument COM(2007) 697 (finali) dwar l-emendi proposti għad-Direttiva 2002/21/KE.

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE.

Ġew stabbiliti objettivi speċifiċi taħt kull wieħed minn dawn it-titoli b'dati ta' mira għal uħud minnhom li jestendu sa tmiem l-2011.

4. **Kummenti**

4.1 Ser ikun diffiċli ħafna li tiġi żviluppata u implimentata strateġija effettiva għall-protezzjoni tas-CIIs mill-approċċ imfisser fil-komunikazzjoni li jibbaża ħafna fuq il-konsultazzjoni, u li huwa volontarju u msejjes fuq il-kooperazzjoni. Minħabba s-serjetà u l-urġenza tal-isfida, il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni teżamina l-politika li qed tiġi segwita fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti li r-responsabbiltà u l-poter jingħataw lil awtorità regolatorja adatta.

4.2 Il-Kumitat jaqbel mas-sejħa tar-Riżoluzzjoni 58/199 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-"ħolqien ta' kultura globali ta' sigurtà ċibernetika u l-ħarsien tal-infrastrutturi kritiċi ta' informazzjoni". Minħabba l-interdipendenza bejn il-pajjiżi għas-sigurtà u r-reżistenza ta' CIIs – "Katina hija b'saħħitha daqs l-iktar ħolqa dgħajfa" – huwa allarmanti li disa' Stati Membri biss s'issa stabbilixxew Skwadri ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs) u ssieħbu mal-Grupp Governattiv Ewropew ta' CERTs (EGC). Il-formazzjoni ta' dawn l-iskwadri trid tkun iktar fuq quddiem fl-aġenda intergovernattiva.

4.3 Partijiet interessati fis-sigurtà ċibernetika fil-livell tal-UE jinkludu kull ċittadin li ħajtu tista' tiddipendi fuq servizzi vitali. L-istess ċittadini għandhom responsabbiltà biex iħarsu sakemm jistgħu l-konnessjoni tagħhom mal-Internet minn attakk. B'iktar responsabbiltà huma l-fornituri tat-teknoloġija u tas-servizzi tal-ICTs li jfornu s-CIIs. Huwa kritiku li l-partijiet interessati kollha jiġu informati b'mod adatt dwar is-sigurtà ċibernetika. Huwa importanti wkoll għall-Ewropa li numru ta' esperti b'ħiliet fil-qasam tas-sigurtà u r-reżistenza tal-ICTs.

4.4 Il-Kumitat jirrakkomanda li kull Stat Membri għandu jkollu organizzazzjoni li xogħolha jkun li tgħarraf, teduka u tappoġġja s-settur tal-SMEs dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sigurtà ċibernetika. Il-kumpaniji l-kbar faċilment jistgħu jakkwistaw l-għarfien li għandhom bżonn iżda l-SMEs jeħtieġu l-appoġġ.

4.5 Minħabba l-fatt li l-provvista ta' CIIs taqa' prinċipalment f'idejn is-settur privat, huwa importanti li l-kumpaniji kollha responsabbli għas-CIIs irawmu livelli għoljin ta' fiduċja u kooperazzjoni. L-inizjattiva EP3R imnedija mill-Kummissjoni f'Ġunju għandha tiġi appoġġjata u mħeġġa. Madankollu, il-Kumitat jemmen li hemm il-ħtieġa li l-inizjattiva tiġi appoġġjata b'leġiżlazzjoni sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn dawk il-partijiet interessati li jonqsu milli jimpenjaw ruħhom b'mod responsabbli.

4.6 Id-dixxiplina tal-Ġestjoni tar-Riskju teżisti sabiex tgħin bit-tip ta' problemi koperti minn dan ir-rapport. Il-Kummissjoni għandha tinsisti li l-aħjar prattiki tal-Ġestjoni tar-Riskju jiġu implimentati fejn xieraq fi ħdan il-pjan ta' azzjoni tagħha. B'mod partikolari, huwa ta' benefiċċju kbir meta wieħed jikkwantifika r-riskji u l-ispejjeż ta' falliment f'kull livell tas-CIIs. Meta jsiru magħrufa l-probabbiltà u l-ispiża possibbli ta' falliment ikun iktar faċli li l-partijiet interessati jiġu mmotivati sabiex jieħdu azzjoni. Ikun iktar faċli wkoll li huma jinżammu finanzjarjament responsabbli f'każ li ma jissodisfawx ir-responsabbiltajiet tagħhom.

4.7 Partijiet interessati kbar jippruvaw jillimitaw ir-responsabbiltà tagħhom billi jużaw is-setgħa tagħhom fis-suq sabiex jisfurzaw lill-klijenti u lill-fornituri tagħhom jaċċettaw termini li jindennizzaw il-kumpanija l-kbira mir-responsabbiltajiet tagħhom stess, pereżempju ftehim ta' liċenzja għas-softwer jew ftehim għall-interkonnessjoni ISP li jillimita r-responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' sigurtà. Dan it-tip ta' ftehim għandu jkun illegali u r-responsabbiltà għandha dejjem taqa' f'idejn l-ikbar attur.

4.8 Is-sigurtà u r-reżistenza jistgħu u għandhom jiġu mdaħħla bħala parti minn kull netwerk ICT. Bħala prijorità, it-topoloġija tal-arkitettura tan-netwerks fl-Istati Membri, u fl-UE bħala entità sħiħa, għandha tiġi studjata sabiex jiġu identifikati konċentrazzjonijiet inaċċettabbli ta' użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni u ta' postijiet fejn hemm riskju għoli li ma jkunx hemm konnessjoni tal-Internet. B'mod partikolari, konċentrazzjoni għolja ta' użu tal-Internet f'numru limitat ta' Internet Exchange Points (IXP) f'xi Stati Membri tippreżenta riskju inaċċettabbli.

4.9 Il-Kumitat jirreferi lill-Kummissjoni wkoll għall-kummenti tiegħu dwar id-dokument COM(2008) 313 finali "L-iżvilupp tal-internet – Pjan ta' Azzjoni għall-użu tas-sitt verżjoni tal-Protokoll tal-Internet (IPv6) fl-Ewropa" (6) li tenfasizza l-benefiċċji tas-sigurtà li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-IPv6 għas-servizz tal-Internet madwar l-UE kollha. Nirrakkomandaw ukoll li teknoloġiji DNSSEC jiġu implimentati fejn huwa possibbli sabiex tiżdied is-Sigurtà tal-Internet.

4.10 Bit-tnedija tal-politika tagħha dwar is-sigurtà ċibernetika, l-Istati Uniti qiegħda talloka USD 40 biljun mill-baġit tagħha għall-2009 u l-2010 għas-sigurtà ċibernetika. Dan ifisser li ħafna fondi se jiġu ppumpjati fis-settur tas-sigurtà u dan se jwassal biex kumpaniji ta' sigurtà fit-teknoloġija tal-informazzjoni, inklużi kumpaniji Ewropej, jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fl-Istati Uniti. Dan se jistimola wkoll lill-kumpaniji tas-sigurtà tal-Istati Uniti sabiex isiru pijunieri fuq livell dinji. Ikun ideali kieku l-Ewropa jkollha l-industrija tagħha stess li hija fl-avangwardja, li tkun tista' tikkompeti fuq l-istess livell mal-kumpaniji Amerikani, u li kieku l-industrija tas-sigurtà tagħmel sforz adatt u tiffoka fuq il-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Ewropa. Il-Kumitat jixtieq jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra kif hija tista' tikkontrobilanċja l-istimolu finanzjarju enormi li qiegħed jiġi pprovdut mill-Istati Uniti.

(6) ĠU C 175, 28.7.2009, p. 92.

4.11 Il-Kumitat jappoġġja l-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-governanza tal-Internet ([7]). Il-Kumitat jemmen li l-UE jrid ikollha influwenza iktar diretta fuq il-politiki u l-prattiki ta' ICANN (Internet Corporation for Assigned Names and Numbers) u IANA (Internet Assigned Numbers Authority), u li s-sorveljanza unilaterali attwali tal-Istati Uniti għandha tiġi sostitwita minn responsabbiltà multilaterali u internazzjonali.

Brussell, 16 ta' Diċembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

([7]) COM(2009) 277 finali.